MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2006

Numru 1040/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**

**vs**

**Aaron Barbara**
**-- omissis --**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni li permezz taghhom Aaron Barbara ta’ 18 il-sena iben Peter u Catherine nee’ Cassar imwieled Pieta’ fis-17/11/87 detentur ta’ karta ta’ identita’ nru 520187M u residenti Nru 8, triq il-Bzulija, Birzebbugia gie akkuzat talli nhar is-16 t’Ottubru 2005 ghal-habta ta’ 01.00 hrs fi triq il-Kitarristi f’B’Bugia volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, billi ta in-

nar lil vending machine, liema hsara tiskorri l-elf lira (Lm1000) ghad-dannu tal-kumpanija General Soft Drinks ta’ Hal Qormi bi ksur tal-art 325 (a) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

- OMISSIS -

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok JA5 u nnutat li l-imputat Aaron Barbara m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja. Ghal kull buon fini innutat li anke il-ko-imputat Kim Briffa iddikjara li m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat ukoll li fis-Seduta ta’ llum l-imputat Aaron Barbara fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat Aaron Barbara bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat Aaron Barbara rega’ wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Rat it-talba tal-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum li fid-dawl tal-fatt li l-imputat Aaron Barbara ammetta l-akkuza migjuba kontra tieghu, talab is-Separazzjoni tal-Gudizzju fil-konfront tal-imputat Aaron Barbara, liema talba giet milqugha minn din il-Qorti fl-istess Seduta.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat Aaron Barbara ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur u Dr Christine Bellizzi ghall-imputat Aaron

Barbara iddikjaraw li jaqblu li meta sehh ir-reat li ghalih l-imputat Aaron Barbara ammetta, l-imsemmi imputat kien ghadu ma ghalaqx it-tmintax il-sena.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena mill-Prosekuzzjoni u minn Dr Christine Bellizzi ghall-imputat Aaron Barbara.

Rat l-artikoli 37 u 325(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Aaron Barbara, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-eta’ tenera tal-imputat, il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali netta tal-imputat, il-fatt li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat Aaron Barbara ikkopera bis-shih mal-Pulizija u l-fatt li l-Ufficjal Prosekutur u Dr Christine Bellizzi ghall-imputat Aaron Barbara iddikjaraw li jaqblu li meta sehh ir-reat li ghalih l-imputat Aaron Barbara ammetta, l-imputat kien ghadu ma ghalaqx it-tmintax il-sena u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Aaron Barbara ghall-piena ta’ tmintax (18) il-xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ tlett (3) snin millum l-imputat Aaron Barbara jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna lill-imputat Aaron Barbara ihallas lir-Registratur tal-Qrati fi zmien xahrejn (2) millum is-somma ta’ seba u hamsin Liri Maltin u seba u disghin centezmi (Lm57.97c) bhala nofs l-ispejjez inkorsi rigward l-inkarigu tal-espert Professur Alfred J. Vella (Relazzjoni tal-imsemmi espert esebita bhala Dok AJV1) nominat fl-Inkjesta li l-Proces Verbal taghha jinsab esebit fl-atti ta’ din il-kawza bhala Dok RB1.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Aaron Barbara l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------